

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/388

tat-8 ta' Marzu 2022

li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 ⁽²⁾ jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-attivitajiet soġġetti għad-Direttiva 2003/87/KE u, b'mod partikolari, tal-emissjonijiet mill-bijomassa. Dak ir-Regolament ġie emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2085 ⁽³⁾ sabiex jiġu allinjati d-dispożizzjonijiet dwar l-emissjonijiet mill-bijomassa mar-regoli stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjonijiet rilevanti u tal-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-użu tal-bijomassa. Wara dawn l-emendi, d-dispożizzjonijiet dwar il-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-użu tal-bijomassa japplikaw mill-1 ta' Jannar 2022.
- (2) L-applikazzjoni tal-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra koperti mid-Direttiva 2003/87/KE hija meħtieġa biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-bijokarburanti, tal-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa użati għall-kombustjoni u l-kontribut tagħha għall-oġġettivi klimatiċi u ambjentali tal-Unjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2066 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 601/2012 (ĠU L 334, 31.12.2018, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2085 tal-14 ta' Diċembru 2020 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 dwar il-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 423, 15.12.2020, p. 37).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

- (3) Hemm rikonoxximent dejjem akbar tal-ħtieġa għall-allinjament tal-politiki dwar il-bijoenerġija mal-oġġettivi ambjentali l-oħra u tal-ħtieġa li jiġi żgurat aċċess ġust għas-suq tal-materja prima tal-bijomassa għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet innovattivi u b'valur miżjud għoli b'soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika u bijoekonomija ċirkolari sostenibbli. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-provvista sostenibbli disponibbli tal-bijomassa għall-użi enerġetiċi u mhux enerġetiċi u l-manutenzjoni tal-bjar tal-karbonju u tal-ekosistemi tal-foresti nazzjonali kif ukoll il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u tal-użu kaskata tal-bijomassa, u l-ġerarkija tal-iskart stabbilita fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart^(f). Is-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) għandha l-għan li tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima f'dak li għandu x'jaqsam mat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Fl-ilħuq ta' dan l-għan, huwa essenzjali li jingħata kontribut ukoll għal oġġettivi ambjentali usa', u b'mod partikolari għall-prevenzjoni tat-telfien tal-bijodiversità, li hija affettwata b'mod negattiv mit-tibdil indirett fl-użu tal-art assoċjat mal-produzzjoni ta' ċerti bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa. Meta jitqies li se tapplika rata tat-taxxa żero għall-bijomassa fl-ETS sakemm il-kriterji ta' sostenibbiltà jiġu implimentati bis-sħiħ, l-Istati Membri huma mħeġġa, skont il-prinċipju tat-Trattat ta' "min iniġġes iħallas", li jużaw strumenti u għodod ibbażati fuq is-suq bħat-tassazzjoni għad-dispożizzjoni tagħhom sabiex jiżguraw li l-użu tal-bijomassa mhux sostenibbli fis-setturi tal-ETS jiġi skoraġġut biex jiġu evitati impatti ambjentali negattivi.
- (4) L-Istati Membri kellhom sat-30 ta' Ġunju 2021 biex jittrasponu d-Direttiva (UE) 2018/2001. It-traspożizzjoni tad-Direttiva għadha mhix kompluta f'hafta Stati Membri.
- (5) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tippredvi l-adozzjoni ta' għadd ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni biex jiġu implimentati l-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-bijomassa. L-adozzjoni ta' bosta minn dawn l-atti ddewmet.
- (6) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 għandha l-għan li ssaħħaħ ir-rwol ta' skemi ta' ċertifikazzjoni volontarji internazzjonali u nazzjonali għall-verifika tal-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mod armonizzat. L-Istati Membri jistgħu wkoll jistabbilixxu skemi ta' ċertifikazzjoni nazzjonali. Il-metodoloġiji użati minn dawk l-iskemi ta' ċertifikazzjoni jeħtieġ li jiġu aġġornati ladarba l-atti delegati u ta' implimentazzjoni previsti bid-Direttiva (UE) 2018/2001 jiġu adottati. Barra minn hekk, il-verifikaturi jeħtieġ li jitħarrġu.
- (7) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni robusta, effiċjenti u armonizzata, jitqies neċessarju u proporzjonat li tiġi posposta l-applikazzjoni tal-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-bijokarburanti, għall-bijolikwidi u għall-bijomassa fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066. Perjodu ta' sena tal-kalendarja huwa xieraq biex ikun hemm allinjament maċ-ċiklu ta' konformità annwali tal-ETS.
- (8) Dan ir-Regolament inaqqas ukoll l-inċertezza ekonomika għall-operaturi li jużaw il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa għall-kombustjoni f'attivitajiet li jaqgħu taħt id-Direttiva 2003/87/KE, għax l-iskemi ta' ċertifikazzjoni huma mistennija li jsiru operazzjonali bis-sħiħ matul l-2022.
- (9) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jiġi emendat skont dan.
- (10) Sakemm jiġu adottati r-regoli meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-Direttiva (UE) 2018/2001, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2022.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 38 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2066 jiżdied il-paragrafu 6 li ġej:

"6. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 5, l-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti, skont kif ikun xierqa, jistgħu jikkunsidraw bħala ssodisfati l-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra msemmija f'dak il-paragrafu għall-bijokarburanti, għall-bijolikwidi, għall-karburanti mill-bijomassa użati għall-kombustjoni mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022."

^(f) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Marzu 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN
